**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 131/15 AL

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Gerald Bonello b'digriet tal-21 ta' Awissu 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil C D ta' nazzjonalita' Ciniza, assenti minn dawn il-Gzejjer**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa kien fit-12 ta' Settembru 2012 fl-Ufficju tar— Registratur taz-Zwigijiet il-Belt Valletta kkuntratta zwieg civili ma' Liron D liema zwieg gie sussegwentement irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fid-19 ta' Settembru 2012, numru progressiv ta' registrazzjoni

2461/2012 u dan skond kif jidher fl-anness dokument mmarkat bhala dokument A.

2. Illi dan iz-zwieg gie kkuntrattat wara li dawn saru jafu lil xulxin madwar sena qabel ma zzewgu pero' biss permezz tal-internet u f'dan il-perjodu ta' sena din C D kienet giet Malta f'zewg okkazzjonijiet li bejniethom damet hawn madwar sitt xhur.

3. Illi l-esponenti li fid-data ta' dan iz-zwieg kellu kwazi 72 sena, kien diga' mizzewweg darbtejn qabel bl-ewwel zwieg tieghu jigi annullat wara xi erba' snin u sussegwentement kien rega' zzewweg u anke dan iz-zwieg kien spicca b'divorzju wara 30 sena kollox kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-intimata hija 24 sena izghar mill-esponenti u kif ser jigi spjegat waqt il-kawza la hi u lanqas ir-rikorrenti ma qatt kellhom dak il-kunsens li trid il-ligi sabiex zwieg ikun validu billi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u zzewgu lil xulxin hi l-intimat bl-iskop li tkun tista' tirrisjedi bi dritt gewwa Malta u r-rikorrenti bl-uniku skop li jkollu persuna tnaddaflu d-dar u s-sajjarlu anke minhabba illi hu ragel anzjan, marid b'qalbu u ghal ragunijiet ohra li jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

6. Illi in oltre l-kontendenti jew min minnhom ma kellhomx fi zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Talab ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi ghar-ragunijiet premessi jew ghar-ragunijiet ohra imsemmija fil-Kap 255 tal-Ligijiejt ta' Malta li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

2. Tawtorizza lill-attur jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

B-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Gerald Bonello, li *in forza* taghha eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 12 ta' Settembru 2012 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. Skond ir-rikors guramentat intavolat fit-8 ta' Gunju 2015 jidher li l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Ciniza u tinsab assenti minn Malta u ghalhekk kellhom jigu appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsemmija assenti u permezz ta' risposta intavolata fit-22 ta' Settembru 2015 huma iddikaraw li ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Verzjoni attur</u>**

L-attur xehed permezz ta' affidavit[1] li fih isemmi l-hajja tieghu qabel u wara z-zwieg mal-mara tieghu l-konvenuta C D. Hu jghid li qabel ma zzewweg lill-konvenuta kien mizzewweg darbtejn ohra lil nisa barranin u dawn iz-zwigijiet ukoll spiccaw. Huwa jghid li wara t-tieni zwieg tieghu, li dam tletin sena, kien ikollu diversi relazzjonijiet ma nisa asjatici izda huwa fl-eta tieghu ma riedx ikollu rabtiet. Huwa jghid li marad b'qalbu u ghamel operazzjoni xi seba' snin ilu u iktar ma beda jikber beda jinduna li xtaq li jkollu lil xi hadd idur bih u ghalhekk kien ikollu diversi relazzjonijiet bl-ideja li ma jghix wahdu. Lill-mara tieghu C D huwa izzewwiegha wara sitt xhur biss li kienet ilha Malta u li kien sar jafha minn fuq l-internet. Skont l-attur, dan iz-zwieg kien zwieg ta' konvenjenza u dan peress li madwar sentejn qabel, l-istess konvenuta telqet minn Malta wara inqas minn sena zwieg. Hu jaf li regghet marret lura il-post fejn trabbiet.

**<u>Verzjoni Konvenuta</u>**

Illi l-konvenuta ma xehditx f'dawn il-proceduri peress li tinsab assenti minn Malta.

**<u>Il-mertu tal-kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-12 ta' Settembru 2012 u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

---

[1] Ezebit a fol 26 tal-process

Issa l-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta' l-attur abbazi ta' l-Artikoli 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li z-zwieg jista' jigi dikjarat null kemm il-darba, "*il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*"

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tara li mill-affidavit ta' l-attur, li huwa l-unika prova ezebita, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel minghajr ma verament kienu jafu lil xulxin, b'mod in partikolari l-intenzjoni tal-attur kienet li jsib lil xi hadd biex jiehu hsiebu u mhux li jizzewweg biex jidhol ghad-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali tal-hajja mizzwega.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde*[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi*

---

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

*mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet *Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph*[3] *fejn il-Qorti qalet hekk : "Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".*

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument tal-kunsens, il-partijiet hadu din id-decizjoni li jidhlu fiz-zwieg b’mod pjuttost mghaggel. Primarjament il-konvenuta ma tantx riedet tghix il-hajja mizzewga ghaliex jirrizulta li telqet lejn pajjizha bla raguni ta’ xejn u l-attur dahal fiz-zwieg biex isib lil min jiehu hsiebu. Ghalhekk jirrizulta li l-kunsens tal-partijiet kien wiehed nieqes mid-diskrezzjoni mehtiega biex wiehed jifhem x’inhuma d-drittiet u d-dmirijiet taz-zwieg.

Illi l-Artikolu 19(1)(f) jghid li zwieg jista’ jigi dikjarat null, *“jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;”*

---

[3] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Illi ghalhekk issa l-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg in dizamina huwiex null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tigi milqugha talba ghal dikjarazzzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest irid necessarjament jigi ppruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghal gurisprudenza varja. Fl-ewwel lok fil-kaz *Atkins Charles vs Atkins Matilde deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili,* l-Qorti qalet hekk :

*"Rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu".*

Fl-istess kaz, il-Qorti zzid hekk,

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra."*

Hawnhekk il-Qorti qeghda wkoll taghmel referenza ghall-kawza *AB vs CB deciza fil-31 ta' Ottubru 2007 (Rik Nru:13/2006)* fejn fuq bazi ta' fatti simili ghall-kaz in dizamina din il-Qorti kif preseduta kienet sabet li z-zwieg bejn il-partijiet kien null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti qalet li ladarba l-konvenut ma kellux intenzjoni jikkonvivi allura kien qieghed jeskludi element essenzjali tal-hajja mizzewga :

*"Mill-provi jirrizulta car li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma' l-attrici f'unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta bejn il-ben essere*

*reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal… Anke l-fatt per se li xahar wara z-zwieg huwa mar il-Yugoslavia wahdu, kontra r-rieda espressa ta' l-attrici, fejn dam tlett gimghat mal-familjari tieghu u tahom il-flus li kienu ghar-rigali tat-tieg; dan il-fatt huwa indikattiv tan-nuqqas ta' rispett u mhabba da parti tal-konvenut lejn martu".*

Illi minn ezami tal-provi, ma hemm l-ebda dubju f'mohh il-Qorti, li ghalkemm il-konvenuta ghaddiet mic-ceremonja taz-zwieg, hija internament u b'att posittiv tar-rieda taghha, eskludiet l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga. Jirrizulta car li hija qatt ma kellha intenzjoni li tghix ma' l-attur f'unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq konvivenza diretta lejn il-*ben essere* reciproku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta ma tatx cans bizzjjed lill-konvinvenza ma' l-attur u l-fatt li telqet minn Malta qabel sena miz-zwieg ifisser li kienet qed teskludi z-zwieg inniffsu, ma hemmx zwieg minghajr konvivenza u ghalhekk ma kienx hemm cans li z-zwieg jibda jsehh ladarba l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali wara ftit xhur minghajr raguni ta' xejn.

Min-naha l-ohra, lanqas ma jirrizulta li l-attur ghamel xi haga biex jipprova jsalva z-zwieg tal-partijiet, u l-Qorti tiehu l-impressjoni kemm mir-rikors guramentat kif ukoll mill-affidavit tal-konvenut li lanqas huwa ma kien cert jew ahjar ma xtaqx li jidhol fiz-zwieg mal-konvenuta. Huwa jsostni li dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenzjenza kemm ghalih u kemm ghall-konvenuta, ghalih b'mod partikolari biex ikollu lil min jiehu hsiebu. Illi certament dan ma hux l-iskop ghaliex wiehed jidhol fl-ghaqda taz-zwieg. Iz-zwieg huwa unjoni ta' mhabba u ghaqda u jidher car li l-attur ma kellu l-ebda intenzjoni li jidhol f'din l-unjoni ta' mhabba u ghaqda izda dahal fiz-zwieg biex isib lil xi hadd idur bih.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li dan iz-zwieg huwa null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha u kif ukoll peress illi il-

partijiet eskludew wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk it-talba ta' l-attur jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 2012 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru t'iskrizzjoni 2461/2012 bhala null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement tawtorizza lill-attur jirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza wara li ssir *res judicata*.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom; b'dan illi provizorjament l-attur ghandu jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.